MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Numru. 320/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**- vs -**

**JOSEPH SULTANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH SULTANA** bin Joseph u Frances nee Gatt, residenti 8, Triq Gnien Xibla, Xaghra u detentur tal-karta tal-identita` numru 86547(G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-Erbgha, disgha ta' Lulju, 2003 ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin ta' filghodu, f'passagg pubbliku li jinsab f'wied l-Ghejun, limiti tax-Xaghra, offenda il-pudur jew il-moral b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil Josephine Azzopardi tixhed fid-dettal u tispjiega kif rat lill-imputat li gharfet fl-awla hiereg mill-vettura tieghu u nizel f'passagg pubbliku fil-limiti tax-Xaghra fejn kienet miexja hi u ftit tal-hin wara neza gharwien u beda jilghab bil-parti genitali tieghu. Hija hassitha imwerwra u offiza u ghalhekk minnufih marret taghmel rapport l-ghassa.

Illi l-imputat ghazel li jixhed u spjega li vera neza gharwien pero dan ghamlu sabiex ifarfar ruhu mill-haxix li kellu fuqu peress illi kien qed jaqla' l-haxix.

Il-Qorti rat ukoll l-istqarrija tal-imputat esebita mill-Prosekuzzjoni u minn esami tal-istess mehuda ftit wara l-incident jirrizulta li l-imputat ta' verzjoni differenti ghaliex qal illi huwa kellu l-parti genitali tieghu barra peress illi kien ghadu kemm ghadda l-awrina u ma setax jifhem kif Azzopardi ratu. Qal ukoll li kien qed ifarfar ruhu mill-haxix li kien qed jaqla' mill-passagg.

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti. Dik esposta mill-allegata vittma Azzopardi u dik esposta mill-imputat. Illi l-Qorti thoss illi ghalkemm il-verzjonijiet huma opposti dik maghmula minn Azzopardi hija aktar kredibbli fic-cirkostanzi u ghandha aktar mis-sewwa u dan il-Qorti waslet ghalih wara li ghamlet apprezzament approfondit tax-xhieda mismugha ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` qieset il-komportament tax-xhieda, l-imgieba taghhom waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda u x'interess setgha kellhom f'dak li qalu.

Huwa minnu li bhala principju f'kaz li xhieda konfliggenti il-Qorti ghandha tillibera ghaliex tali dubju ghandu jmur favur l-imputat pero kif gie deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**;

*"Conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion*

*of guilt, whoever has to judge may after consideration of all the circumstances of the case dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Hu dan appuntu dak li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat JOSEPH SULTANA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah xahar prigunerija sospiz bl-applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu ta' sena, oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' mitt lira Maltin (LM 100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------